**FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta’ Settembru 2023**

**Rikors Nru. 618/2022 GM**

**Tarcisio Ciantar**

**vs**

**Mario Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ Tarcisio Ciantar li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. L-esponenti huwa s-sid u fil-pussess ta' porzjon art magħrufa bħala Narċisa, Ħal-Dieri, Triq ta' Trapna, Żebbuġ, Malta magħruf ukoll bħala Ciantar Rural Room, Limiti ta' Sant' Andrija, Żebbuġ, Malta liema raba’, hija murija aħjar fuq il-pjanta mmarkata bħala Dokument A;

2. F’dawn l-aħħar xhur u dan ċertament wara Diċembru 2021, il-konvenut qiegħed jostakola b'diversi modi u jfixkel lir-rikorrent fid-dgawdija ta’ dritt ta' passaġġ li jagħti għall-għalqa tar-rikorrent, liema passaġġ qiegħed jiġi mwaqqaf u nfixkel inġustament u mingħajr l-ebda dritt fil-liġi milli juża;

3. Dan sar b'diversi modi b'dana illi salv għall-aċċess bir-riġel il-konvenut qiegħed perjodikament jingombra l-aċċess in kwistjoni permezz ta’ vetturi b'tali mod illi r-rikorrent mhux qiegħed ikun jista' jgħaddi bil-vetturi tiegħu;

4. Dan l-aġir jikkostitwixxi disturb fil-pussess illi l-esponenti minn dejjem eżerċita fuq l-imsemmija għalqa;

5. Għalkemm interpellat sabiex imantni lill-esponenti fil-pussess tagħhom billi jirripristina lura l-aċċess tal-istess għalqa, u dan permezz ta' ittra uffiċjali spedita lilu fis-16 ta' Ġunju 2022, l-intimat baqa' inadempjenti.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut immolesta lill-attur fil-pussess ta' passaġġ li jagħti għal għalqa ta' porzjon art magħrufa bħala Narċisa, Ħal-Dieri, Triq ta' Trapna, Żebbuġ, Malta, hawn fuq imsemmija meta f'Diċembru 2021 waqqaf l-użu tal-attur tal-istess passaġġ;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar minn din is-sentenza l-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess sħiħ tal-imsemmi passaġġ li jagħti għall-għalqa.

3. Fin-nuqqas li l-konvenut iwettaq ix-xogħol neċessarju fiż-żmien konċess lilu, tawtorizza lill-atturi li jwettqu l-istess xogħlijiet huma taħt id-direzzjoni tal-perit Mario Cassar, u dan għas-spejjeż tal-konvenut.

Rat illi minkejja l-konvenut ġie debitament notifikat fl-indirizz indikat fir-rikors maħluf, baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti mil-liġi u għalhekk għandu titqies kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Rat il-verbal tagħha tat-3 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex il-konvenut jippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet, iżda dan baqgħet ma ppreżentat xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Kif ġia ngħad, minkejja l-istat ta' kontumaċja l-attur f'każi bħal dawn xorta jrid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija kontestazzjoni. Li jfisser li l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut.

Il-molesta allegata fir-rikors maħluf ġiet ikkonfermata bl-affidavit tal-attur innifsu Tarcisio Ciantar.

Il-Qorti hija sodisfatta li t-talbiet attriċi ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-attriċi u:

1. Tiddikjara illi l-konvenut immolesta lill-attur fil-pussess ta’ passaġġ li jagħti għal għalqa ta' porzjon art magħrufa bħala Narcisa, Ħal-Dieri, Triq ta' Trapna, Żebbuġ, Malta, hawn fuq imsemmija meta f’Diċembru 2021 waqqaf l-użu tal-attur tal-istess passaġġ.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar minn din is-sentenza l-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess sħiħ tal-imsemmi passaġġ li jagħti għall-għalqa.

3. Fin-nuqqas li l-konvenut iwettaq ix-xogħol neċessarju fiż-żmien konċess lilu, tawtorizza lill-atturi li jwettqu l-istess xogħlijiet huma taħt id-direzzjoni tal-Perit Mario Cassar, u dan għas-spejjeż tal-konvenut.

Spejjeż a karigu tal-konvenut.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA